# "XTAQT INSIR QASSIS"



# *Dun* ĠUŻEPP BUSIETTA

## 1869-1939

Dun Ġużepp twieled tas-Sliema fit-22 ta' Mejju 1869. Kien ir-raba' wieħed fost ħames aħwa. Jumejn wara li twieled nhar l-24 ta' Mejju tgħammed fil-Knisja ta' Stella Maris għalkemm din kienet għadha ma saritx parroċċa. Kien ta' ħajja miġbura; sa mill-ewwel snin ta' ħajtu ċ-ċkejken Ġużeppi wera l-ġibda li kellu lejn l-altar imqaddes. Kien għadu daqsxejn ta' żagħżugħ u l-Mulej laqqgħu mal-qatt minsi u ħabib ta' ħafna, is-sur Fons Maria Galea. Dan għenu biex jidħol is-Seminarju ta' Għawdex. Kien hemmhekk li studja sa ma laħaq it-23 sena tiegħu li fiha ħa l-quddiesa. L-Isqof li ordnah kien Monsinjur Giovanni Marija Camilleri, Agostinjan. Huwa qaddes l-ewwel quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja ta' Stella Maris.

Qassis żagħżugħ mimli ħeġġa malajr intefa' għax-xogħol, iħabrek fil-qasam tal-Mulej, kemm f'tas-Sliema u kemm fl-irħula. Kien imfittex ħafna għall-priedki u kien ikun mistieden jitkellem f'ħafna laqgħat minħabba l-kelma tiegħu ħafifa u mexxejja. Kienu jsibuh ħafna wkoll għall-qrar minħabba dik il-ħlewwa u s-sabar li bihom kien iżejjen il-kelma ħalli jwassalha fil-qalb ta' dak li jkun mar biex iqerr għandu.

Twajjeb minn qaddisu, malajr jaqdi lil kull min jersaq lejh u jitolbu l-għajnuna tiegħu. Meta l-kappillan ta' Stella Maris, Dun Vincenz Manchè marad b'marda li wasslitu għall-qabar, Dun Ġużepp daħal għax-xogħol kollu ta' kappillan u f'din il-ħidma baqa' jmexxi l-parroċċa sa ma nħatar il-kappillan il-ġdid, Dun Rafel Capurro.

Dun Gużepp qatt ma xtaq isir kappillan. Xi snin qabel ma kienx aċċetta li jmur kappillan ta' San Ġiljan. Xi żmien wara offrewlu l-kanonikat ta' Bormla u wara tal-Katedral, iżda hu qal: "Jien xtaqt insir qassis u bl-għajnuna ta' Alla dan huwa biżżejjed għalija... u hekk nixtieq immut."

Għadda ż-żmien u Dun Ġużepp Busietta xjaħ u marad ukoll. Beda jħoss li kellu l-jiem u s-sigħat magħdudin. Mar l-isptar u minn hemm ma ħariġx ħaj. Kien sewwa sew nhar il-ġimgħa l-kbira, is-7 ta' April 1939 meta r-ruħ tat-twajjeb Dun Ġużepp Busietta ttajret għal ħdan Alla wara 47 sena ta' ħidma saċerdotali fil-għomor ta' 70 sena.

*Ħajr lil M. Busietta*
*u lid-Direzzjoni*
*Bullettin Selesjan (Lulju 1986)*